# 100 Sena ilu XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta x'kien sar f'Birkirkara

Philip Xuereb




Bla dubju, l-aktar ġrajja importanti f'Malta fis-sena 1913 kien l-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali fix-xahar ta' April. Kienu saru ħafna attivitajiet, li l-aktar kienu ċċentrati fil-Belt Valletta, fil-Furjana u fir-rotunda tal-Mosta. F'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet Birkirkara kienet rappreżentata permezz tal-Kapitlu Elenjan kif ukoll bil-bqija tal-kleru u bil-fratellanzi li kienu ħadu sehem fil-purċissjoni l-kbira fl-aħħar jum. Imma f'Birkirkara kien sar pontifikal fil-Kolleġġjata, u pontifikal ieħor u soiree fl-Oratorju, li ma kinux inklużi fil-programm uffiċjali tal-Kungress.

Il-Pontifikal fil-Kolleġġjata sar nhar il-Ħamis 24 ta' April mill-Kardinal Francica Nava, Arċisqof ta' Katanja. Peress li dan il-prelat kien alloġġjat għand il-patrijiet Ġiżwiti fil-Kulleġġ San Alwiġi kemm dam hawn Malta għall-Kungress, huwa twassal minn hemm sal-Kolleġġjata proċessjonalment. F'din il-purċissjoni akkumpanjat il-Brigade, l-ewwel waħda, tal-Oratorju[1] u mal-wasla tiegħu, għamluha ta' gwardja tal-ùnur. Il-Kor tal-Oratorju magħmul minn xi sebgħin tifel kanta f'din il-quddiesa pontifikali, bi Brother Emanuel Joseph tal-Freres jakkumpanjahom fuq l-armonju. Fl-elevazzjoni mbagħad il-bugles tal-Brigade daqqew salut mill-bieb tal-knisja, għalkemm gazzetta minnhom irrapurtat ukoll li dan sar mill-koppla.

Dan il-pontifikal tal-Kardinal Nava f'Birkirkara ma kienx inkluż fil-programm uffiċjali tal-Kungress Ewkaristiku, iżda minħabba l-isforzi kbar li kienu għamlu l-Prepostu Kan.

[1] L-Oratorju f'Birkirkara kien għadu kif twaqqaf tliet snin qabel fuq inizjattiva tal-kanonku Dun Mikiel Sammut fuq l-idea tal-oratorji ta' Don Bosco. Għalhekk kien intiż li jitmexxa mis-Sależjani li xi snin qabel kienu ngabu f'Malta mis-ssur Fons. M. Galea għall-Oratorju li kien waqqaf f'Tas-Sliema. Meta s-Sależjani ma setgħux ikomplu fl-oratorju ta' Birkirkara, fl-1912 kienu ġew Freres ta' S. G. Battista de la Salle.

Alfons Borg u l-Kanonku Costantino Muscat, prokuratur tal-Kapitlu Elenjan.[2]



Minbarra din iċ-ċerimonja f'Birkirkara, il-Catholic Boys' Brigade tal-Oratorju ħadet sehem fil-korteo prinċipali tal-għeluq li sar mill-Belt għall-Furjana, nhar il-Ħadd 27 ta' April, meta flimkien mal-kumpanija ta' Tas-Sliema (Sależjani) u tal-Isla li kienet twaqqfet ftit wara dawn, fetħu l-imsemmi korteo.[3]

Possibilment, flimkien mal-kumpanija l-oħra ħadet sehem fil-gwardja tal-unur li kien hemm id-dwana fil-laqgħa li saret lill-Kardinal Legat Ferrata mal-wasla tiegħu f'Malta. Setgħu kienu wkoll fil-pjazza tal-Mosta l-għada għal gwardja tal-unur oħra li saret hemm għall-wasla tad-delegati għall-ftuħ tal-konferenzi plenarji tal-kungress li kienu saru hemm.

Dan ngħiduh hekk, għax ħafna drabi l-gazzetti li kienu jirrapurtaw l-attivitajiet tal-Kungress ma kinux jagħmlu differenza bejn it-tliet kumpaniji li nafu dik il-ħabta kienu jiffurmaw bejniethom il-Catholic Boys' Brigade. Irridu nfakkru hawn li l-Brigade tal-Oratorju, wara t-tluq tas-Sależjani mill-post fl-1912, xi sitt shur biss qabel jew hekk, kien uffiċjalment inbidlilha l-isem għal: Catholic Boys' Brigade, meta l-Oratorju beda jitmexxa mill-Freres. Madankollu rridu ngħidu wkoll li t-tliet kumpaniji msemija jidher li kienu b'xi mod jagħmlu parti mill-moviment internazzjonali tal-Catholic Boys' Brigade, li fl-Ingilterra dik il-ħabta kellu bħala president tiegħu lil-istess Kardinal Ingliż Francis Bourne, Primat tal-pajjiż.[4]



L-għada li sar il-pontifikal fil-Kolleġġjata, allura nhar il-Ġimgħa 25 ta' April 1913, kellu jsir pontifikal ieħor f'Birkirkara. Din id-darba fil-bitħa tal-Oratorju, mill-Isqof Tournier ta' Tunes. Iżda minħabba r-riħ, dan kellu jsir fil-kappella. Dakinhar stess filgħaxija mbagħad, saret lejla mużiko-letterarja f'ġieħ il-Kungressisti Franċiżi li kien hawn. Dawn kienu jinkludu l-isqfijiet: Tournier li diġà semmejna; il-Primat tal-Afrika Mons. Combes, l-awżiljarju tal-Arġiel, Mons. Piquernal u Mons. Dubois, Arċisqof ta' Bourges. Kien preżenti wkoll il-Konslu ta' Franza u s-sinjura tiegħu, xi nisa u rġiel Franċiżi oħra u l-elite tal-popolazzjoni ta' Birkirkara.

[2] Malta 30.4.1913
[3] The Malta Herald 22.4.1913
[4] Kotba tal-Mogħdija Taż-Żmien - Nru.121 p.90



F'din is-'soiree', tfal mill-Kulleġġ Stella Maris, li dak iż-żmien il-Freres kellhom f'Villa Schinas t'Tas-Sliema, irreċtaw u kantaw bil-Franċiż, u Mons. Dubois ferħilhom u wera l-għoġba tiegħu għall-ambjent 'Franċiż' li b'hekk sab ruħu fih f'Malta li kienet kolonja Brittannika. Huwa fakkar lit-tfal li huma kienu jafu l-edukazzjoni tagħhom lill-Freres u lil Franza, minkejja li disa' snin biss qabel, il-Gvern Franċiż kien iddikjara li lill-Freres ma kellux bżonnhom.

## Tifkira tal-Kungress fil-Bażilka

Il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' Malta kien għadda u mar. Imma sbatax-il sena wara fl-1930, fil-knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara bdiet issir id-dekorazzjoni bil-pittura tal-kappella tas-Santissmu Sagrament. Għal din il-biċċa xogħol kien tqabbad il-pittur Karkariż Ġużeppi Briffa, li sitt snin qabel, fil-bidu nett tal-karriera tiegħu, anzi meta kien għadu student u qabel ma kien mar jistudja l-arti f'Ruma, kien diġà wera l-ħila tiegħu bil-pittura tal-koppla, lunetti u pendenti tal-kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni fl-istess knisja Kolleġġjata.

Il-dekorazzjoni pittorika tal-kappella tas-Santissmu Sagrament kellha tinkludi wkoll il-koppla, lunetti u pendenti. Iżda bħala suġġett għall-pittura tal-koppla ngħażlet il-purċissjoni l-kbira tal-għeluq tal-Kungress Ewkaristiku li kien sar f'Malta, meta l-istess Briffa kien għad kellu madwar tnax-il sena. Il-purċissjoni tidher ħierġa mill-Belt Valletta, mill-bieb ta' Putirjal l-antik li kien inbena fi mien l-Ingliżi u li kien inħatt fl-1964. Miexja lejn il-Furjana fl-inħawi ta' fejn illum hemm il-Funtana tat-Tritoni (saret fis-snin ħamsin tas-seklu li għadda). Quddiem il-ġnien tal-Mall kienet intramat tribuna għolja biex tkun tidher sew kemm minn fuq il-Fosos kif ukoll minn dik li kienet ix-Xagħra tal-Furjana (illum ground tal-futbol, pitch tal-boċċi, parking tal-karozzi, eċċ.) In-nies kellha tinġabar f'dawn l-ispazji biex meta tasal il-purċissjoni kollha, tingħata l-Barka Sagramentali tal-aħħar mill-Kardinal Legat tal-Papa.

F'din il-biċċa xogħol l-artist Karkariż kien wera wkoll il-ħila tiegħu bħala ritrattista, għaliex il-persunaġġi murija, speċjalment fil-parti tal-qofol tal-purċissjoni, fejn hemm il-baldakkin, huma kollha ritratti attwali ta' dawk li kienu ħadu sehem sbatax-il sena qabel u li kienu aktarx għadhom ħajjin dfl-1930 meta saret il-pittura.